

Skeda Informattiva

ECHA-13-FS-02-MT

Kooperazzjoni Internazzjonali

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi taħdem flimkien ma' aġenziji pari f'partijiet differenti fid-dinja biex tarmonizza l-ġestjoni tas-sustanzi kimiċi. L-ECHA tappoġġa wkoll lil pajjiżi fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' sigurtà dwar is-sustanzi kimiċi bħar-Regolamenti REACH, CLP, tal-Bijoċidi u PIC.

XOGĦOL LI JIRRELATA GĦALL-OECD

L-UE tikkollabora mill-qrib fuq livell internazzjonali fejn tidħol il-ġestjoni sigura tas-sustanzi kimiċi. L-OECD hija l-organizzazzjoni prinċipali li qiegħda tmexxi dan ix-xogħol. Il-Programm tal-OECD dwar l-Ambjent, is-Saħħa u s-Sigurtà (EHS) żvolġa rwol maġġuri fil-promozzjoni tal-armonizzazzjoni globali billi pprova approċċi, metodi u għodod tal-IT aċċettati b'mod komuni u disponibbli għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi.

Ir-rwol tal-ECHA hu li tipprovdi sostenn xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni Ewropea fil-kontribuzzjonijiet tagħha lejn l-OECD, speċjalment f'oqsma marbuta mal-attivitajiet tat-Task Force tagħha dwar l-Istima tal-Periklu. L-Aġenzija hija involuta wkoll fil-Panil tal-Grupp Esperti ta' IUCLID u tipprovdi input importanti għall-iżvilupp tal-Għodda QSAR u l-eChemPortal. Barraminnekk, l-ECHA tipparteċipa fl-elaborazzjoni ta' mudelli armonizzati, kif ukoll f'attivitajiet ta' pestiċidi u bijoċidi.



XOGĦOL MULTILATERALI FUQ IS-SIGURTÀ KIMIKA

Il-kooperazzjoni internazzjonali tal-Aġenzija tirrelata wkoll għall-impenni tal-UE għall-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi taħt ftehim multilaterali taħt l-awspiċi tan-Nazzjonijiet Uniti. Dawn jinkludu l-Konvenzjoni ta' Stokkolma (POPs), il-Konvenzjoni ta' Rotterdam (PIC), il-Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM), il-Kummissjoni dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (CSD) u l-Programm Internazzjonali WHO dwar is-Sigurtà Kimika (IPCS) kif ukoll ix-xogħol tan-NU dwar is-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Ttikkettar.

SOSTENN GĦALL-POLITIKI TAR-RELAZZJONIJIET ESTERNI TAL-UE

Il-politika ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) jinkludu miżuri dedikati sabiex irawwmu interazzjoni bejn gruppi speċifiċi ta' pajjiżi terzi u aġenziji tal-UE. Filwaqt li l-ewwel politika tindirizza lill-pajjiżi kandidati u lil kandidati potenzjali għall-adeżjoni għall-UE,



Parteċipant fil-laqgħa ICCM-3 jistudja l-websajt tal-ECHA fl-istand tal-informazzjoni tal-Aġenzija f'Najrobi.



Il-Memorandum ta' Ftehim tal-ECHA- Kanada kien iffirmit fl-2010.


L-ENP hija diretta lejn li tinvolti lil 16-il pajjiż fil-konfini esterni immedjati tal-Unjoni. L-ECHA kkontribwiet għaż-żewġ oqsma ta' politika fejn jidħlu l-approssimazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tal-UE.

KOOPERAZZJONI MA' AĠENZJI PARI

L-Aġenzija għandha ftehim ta' kooperazzjoni ma' aġenziji regolatorji f'erba' pajjiżi: l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerka. Il-ftehim kien konkluż fl-2010/11. L-Attivitajiet jiffukaw fuq l-iskambju tal-informazzjoni, l-aħjar Prattika u l-għarfien xjentifiku.

SENSIBILIZZAZZJONI BARRA L-UE

Udjenzi mhux tal-UE, kemm awtoritajiet kif ukoll



Il-pajjiżi tal-UE u taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) li implimentaw REACH & CLP u l-benefiċjarji tal-Istrument ta' Assistenza Qabel l-Adeżjoni (IPA) u l-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP).

industrija, jitolbu b'mod regolari lill-ECHA biex tospita żjarat u tagħti preżentazzjonijiet ta' spjegazzjoni dwar ir-regolamenti tal-UE u xogħol relatat tal-UE. L-Aġenzija hija selettiva meta taċċetta gruppi ta' viżitaturi u anke aktar selettiva fuq stedinet biex titkellem f'pajjiżi terzi. Tingħata prijorità lil awtoritajiet f'pajjiżi li qegħdin jirrevedu l-leġislazzjoni kimika tagħhom u avvenimenti li jistgħu jilhqnu udjenza kbira u primarja rilevanti. Il-preżentazzjonijiet isefħu fl-istabbiliment tal-Aġenzija f'Helsinki, f'avvenimenti f'pajjiżi terzi jew f'xi każijiet permezz ta' vidjow link.

Ta' min isemmi li l-parti l-kbira tal-attivitajiet tal-ECHA għandhom rilevanza internazzjonali. Madwar id-dinja, l-utenti jistgħu jibbenefikaw mill-informazzjoni estensiva disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA, speċjalment mit-tixrid tal-informazzjoni dwar sustanzi kimiċi (l-Inventarju C&L u dejta dwar sustanzi rreġistrati). Il-fatt li ħafna mill-pubblikazzjonijiet tal-ECHA huma disponibbli fi 23 lingwa jagħmel il-materjal faċilment aċċessibbli għal udjenzi ferm lil hinn mill-UE.

AKTAR INFORMAZZJONI:

echa.europa.eu/international